# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 3**

**Ċitazzjoni numru 684/05/1 JRM**

**Kevin Brincat u martu Najat Ejjebli**

**v.**

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates***

1. Dan huwa appell ta' wieħed mill-konvenuti, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju, 2016, wara talba għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tiegħu li jħassar il-liberta` ta' moviment tal-attriċi.

2. Il-proċeduri nbdew permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Lulju, 2005, permezz ta' liema l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

*'Premess illi l-attriċi Najat Ejjebli hija ċittadina ta' nazzjonalità Marokkina (Dok. NE1) u fl-20 ta' Ottubru, 1997, l-attriċi Najat Ejjebli waslet Malta u wara ftit bdiet tiffrekwenta lill-attur Kevin Brincat li huwa ċittadin Malti.*

*Premess illi fl-20 t' April 1998, l-attriċi Najat Ejjebli żżewġet lill-attur Kevin Brincat, liema żwieġ ġie ċelebrat fir-Reġistru Pubbliku, Strada Merkanti, Valletta (Dok. NE2);*

*Premess illi wara ż-żwieġ l-atturi marru jgħixu fil-fond Flat 2, Blokk 6, Triq it-Turgien, Valletta u issa qed jirrisjedu fil-fond 42, Triq il-Ferrovija, Birkirkara (Dok NE 3 u 4).*

*Premess illli fl-4 ta' Mejju, 1998, l-attriċi Najat Ejjebi ngħatat id-dritt ta' liberta ta' moviment ġewwa l-Gżejjer ta' Malta, liema dritt tneħħa fis-26 ta' April 2005 mingħajr ebda raġuni valida (Dok. NE 5);*

*Peress illil-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jagħtu lura lill-attriċi l-libertà ta' moviment, iżda dawn baqgħu inadempjenti.*

*Premess illi tali deċiżjonijiet jmorru kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ.*

*Peress illi hemm lok li tali deċiżjonijiet jiġu dikjarati bħala nulli u mingħajr ebda effett għab-bażi tal-Artikolu 469(A)(1)(a) u (b – ii).*

*Igħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onor Qorti m'għandiex prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa skond il-Liġi:*

*1. tiddikjara li d-deċiżjonijiet tal-konvenuti jew min minnhom li permezz tagħha ġie kkanċellat id-dritt tal-attriċi Najat Ejjebli ta' libertà ta' moviment ġewwa l-Gżejjer ta' Malta, liema dritt hija akkwistat maż-żwieġ tagħha mal-attur Kevin Brincat li ġie ċċelebrat fl-20 t' April, 1998, u r-rifjut tagħhom li jerġgħu jagħtuha l-istat ta' liberta' moviment, huma nulli u mingħajr ebda effett peress li:*

*a. il-konvenuti naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettieq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u*

*b. tali għemil huwa kontra l-liġi u l-policies attwati mill-konvenuti u jikkostitwixxi abbuż ta' setgħa għaliex imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.'*

3. Fid-19 ta' Awwissu, 2005, il-konvenuti ppreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet u qalu:

*'1. Illi in linea preliminari d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni stante li hu m'għandux il-mansjoni jew l-awtorità li jagħti l-liberta tal-moviment lil xi persuna pero' huwa biss l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jagħmel it-timbru uffiċjali fuq il-passaport tal-persuna li permezz tiegħu l-istess persuna tingħata l-libertà tal-moviment. Bl-istess mod kwalunkwe timbru tal-kanċellament tal-libertà tal-moviment isir mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Għalhekk id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet kollha attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eċċipjenti qed jattwaw il-liġijiet u policies amministrattivi nostrali li jesigu li persuni separati de facto jew de jure mill-konjuġi tagħhom ma jistgħux igawdu l-libertà ta' moviment għaliex ma jkunux aktar persuni eżenti fit-termini tal-liġi.*

*3. Illi effettivament l-eċċipjent Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ikkanċella d-dritt għal-libertà tal-moviment ta' Najat Ejjebli stante li minn investigazzjonijiet u nformazzjoni li ottjena rriżultalu li hi u Kevin Brincat ma kinux għadhom qed jgħixu flimkien kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*4. Illi għalhekk l-eċċipjenti aġixxew fil-parametri tal-liġi u mhux minnu dak li qed jiġi allegat fil-paragrafi 1 (a) u (b) fit-talbiet taċ-ċitazzjoni.*

*5. Illi fid-dawl tas-suespost l-eċċipjenti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż.*

*6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.'*

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

*'Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin u ssib li l-imħarrek Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates mhuwiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi;*

*Tilqa' t-talba attriċi billi ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal-moviment tal-attriċi f'Malta wara ż-żwieġ tagħha mal-attur kienet ħażina u ma tiswiex, għaliex saret bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali dwar l-għoti ta' raġuni u għaliex kienet nieqsa minn eżerċizzju raġonevoli tad-diskrezzjoni u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;u*

*Tordna li l-imħarrek Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni jħallas l-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk tal-imħarrek Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates li jħallsuhom l-atturi.'*

5. L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni appella minn din is-sentenza u jilmenta li d-deċiżjoni li ħa kienet raġonevoli bi tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Talab għalhekk ir-riforma tas-sentenza appellata sabiex, filwaqt li tikkonferma dik il-parti li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ddikjarat li d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* mhuwiex il-leġittimu kontradittur, tħassarha u tirrevokaha fil-kumplament tagħha.

6. L-appellati wieġbu illi l-appell tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni hu bażat fuq biċċiet żgħar ta' informazzjoni li ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni ċara li Kevin Brincat u Najat Ejjebli ma kinux għadhom jgħixu flimkien. Talbu għalhekk li l-appell jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

7. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali tal-ewwel Qorti huma dawn:

*'Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi hija persuna ta' nazzjonalita' Marokkina u ġiet f'Malta fl-20 ta' Ottubru tal-1997. Wara xi żmien bdiet toħroġ mal-attur u huma żżewġu fir-Reġistru taż-Żwiġijiet eżatt sitt (6) xhur wara, fl-20 ta' April tal-1998 u marru joqogħdu f'post fi Triq it-Turġien, Valletta u aktar 'il quddiem f'post fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, f'Birkirkara;*

*Illi fl-4 ta' Mejju, 1998, l-attriċi ngħatat id-dritt tal-liberta' tal-moviment f'Malta. Minn dakinhar, l-attriċi siefret għadd ta' drabi minn u lura lejn Malta. Ftit jiem wara, fit-18 ta' Mejju, 1998, hija talbet ukoll li tingħata ċ-ċittadinanza Maltija, imma t-talba tagħha ma ntlaqgħetx f'Awwissu tal-2002;*

*Illi ftit wara li żżewġu, f'Settembru tal-1998, l-attur kien ġie arrestat u qatta' xi żmien il-ħabs f'diversi perjodi li ma kinux qabżu sena b'kollox. Dan baqa' jiġri sa Novembru tal-2004. Matul dak iż-żmien, l-attriċi tgħid li kienet tipprova żżuru kemm jista' jkun, minkejja li ma kellhiex permess u seħħilha biss tidħol tarah darba waħda. Permessi kienu ngħataw mill-Qorti lil ommu u lil oħtu u lil wieħed Anthony Bonavia. Skond l-awtoritajiet, meta l-attur iddaħħal fil-Faċilita' Korrettiva, kien reġistrat bħala għażeb;*

*Illi l-atturi jgħidu wkoll li ippruvaw jibnu familja, imma ma seħħilhomx minħabba kwestjonijiet ta' fertilita';*

*Ili meta l-attriċi marret l-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni biex iddawwar il-permess ta' "exempt person" minn fuq il-passaport tagħha għal fuq passaport ġdid fis-26 ta' April, 2005, l-imħarrek Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għarrafha li kien neħħielha l-jedd tal-liberta' tal-moviment. Dakinhar kienet marret l-uffiċċju mal-attur. Hija talbet u ngħatat visa biex tibqa' f'Malta għal tliet (3) xhur sal-10 ta' Ġunju, 2005, imma meta reġgħet talbet li l-visa tiġġeddilha, it-talba tagħha ma ntlaqgħetx;*

*Illi fis-26 ta' Lulju, 2005, l-atturi fetħu din il-kawża;*

*...*

*... il-Qorti tqis li l-għan tal-awtoritajiet li jaraw li persuni ma jabbużawx mill-fakulta' tal-liberta' tal-moviment huwa wieħed kemm xieraq u kif ukoll imħares bil-liġi. Ladarba l-attriċi ngħatat tali liberta' minħabba ż-żwieġ tagħha mal-attur, ifisser li l-istess awtoritajiet għandhom kull interess u dmir li jaraw li ż-żwieġ li jagħti lok għat-tgawdija ta' dak il-jedd ikun wieħed veru u mhux maħluq għall-okkażjoni jew saħansitra wieħed ta' konvenjenza. Biex iwettqu dan l-aċċertament u biex jaraw li l-persuni ma jabbużawx, il-liġi tagħti lill-awtoritajiet is-setgħa li jagħmlu l-istħarriġ u l-aċċertamenti kollha xierqa;*

*Illi madankollu, fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija tal-fehma li l-awtoritajiet naqsu milli juru li mxew sewwa mal-atturi u l-imġiba tagħhom ma tilħaqx il-grad ta' raġonevolezza li messu ntwera li kellhom. Mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża joħroġ li l-atturi kienu tassew miżżewġin u li ż-żwieġ tagħhom kien reġistrat kif imiss mal-awtorita' kompetenti f'Malta. Ħareġ ukoll li, fiż-żmien rilevanti għall-ġbir tal-provi f'din il-kawża, huma ma kienu bdew l-ebda proċedura għall-firda personali bejniethom. Dawn il-fatti jikkuntrastaw mal-fatt li, meta l-attur daħal fil-faċilita' korrettiva biex jibda jiskonta sentenza, kien reġistrat bħala għażeb. Meta l-Qorti tqis li l-imħarrkin jiġġustifikaw id-deċiżjoni li ħadu dwar l-attriċi fuq investigazzjonijiet u informazzjoni, wieħed isib li dan in-nuqqas ta' għarfien tal-istatus uffiċjali tal-attur min-naħa tal-istess awtoritajiet jixħet dell fuq il-kwalita' ta' tagħrif li kellhom u l-għamla ta' aċċertamenti li wettqu biex ikollhom stampa xierqa tal-fatti. Fit-tielet lok, id-deċiżjoni li l-jedd tal-liberta' tal-moviment jittieħed mill-attriċi tfasslet fuq tagħrif li hija ma marret qatt iżżur lil żewġha l-attur kemm dam miżmum il-ħabs. Jekk dan kien tabilħaqq il-każ, l-imħarrkin ma wrewx kif din iċ-ċirkostanza tfisser li l-atturi ma kinux baqgħu jgħixu flimkien. Ma hemmx dubju li, sakemm l-attur dam iservi sentenzi fil-ħabs (u dan kien aktar minn darba bejn meta żżewweġ lill-attriċi sa meta ttieħdet id-deċiżjoni li jitteħdilha l-jedd tal-liberta' tal-moviment), wieħed ma setax jippretendi li l-atturi jgħixu flimkien. Mill-provi mressqa mill-imħarrkin, id-deċiżjoni kienet mibnija fuq ċirkostanzi li, min ħadha, qagħad biss fuq dak li sema' mingħand ħaddieħor u li dak il-ħaddieħor ma kienx fis-setgħa tiegħu li jivverifika jekk l-atturi kenux tassew jgħixu flimkien. Fir-raba' lok, ix-xhud ewlieni mressaq mill-imħarrkin u li kien il-persuna li ħadet id-deċiżjoni għat-teħħija tal-jedd tal-attriċi, ma fisser bl-ebda mod x'kien l-istħarriġ li għamel li bih wasal biex jieħu d-deċiżjoni li ħa: illimita ruħu biex jikkummenta dwar il-minuti tal-'file' dipartimentali bla ma ta aktar tagħrif. Fil-ħames lok, meta l-imħarrkin semmew l-ispezzjoni għall-għarrieda li saret fid-dar tal-attriċi dakinhar li ma sabux lill-attur id-dar, ma ressqu l-ebda prova ta' x'sabu u ma sabux, jew saħansitra meta saret din iż-żjara. Fis-sitt lok, il-Qorti terġa' ssemmi ż-żmien twil li għadda bejn meta ttieħdet id-deċiżjoni biex jitneħħa l-jedd tal-liberta' tal- moviment mingħand l-attriċi sa dakinhar li qalulha bl-imsemmija deċiżjoni. Din iċ-ċirkostanza jidher li mhux biss tikser kull stennija ta' mġiba raġonevoli, iżda wkoll il-ħarsien tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali li persuna tingħata għarfien ta' xi deċiżjoni li tkun ittieħdet fir-rigward tagħha u li tingħata r-raġuni jew raġunijiet għaliex tkun ittieħdet deċiżjoni bħal dik. Fis-seba' lok, jekk kien hemm xi ċirkostanzi jew fatti oħrajn li setgħu wasslu lil min kien kompetenti biex jieħu d-deċiżjoni li ħa, ma tressqu l-ebda provi dwarhom u l-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati ta' stħarriġ u aċċertamenti bla ma tintwera fiex kienu jikkonsistu;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib ċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza juru li d-deċiżjoni attakkata mill-atturi kienet ittieħdet ħażin u ma tiswiex u għalhekk it-talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa';'*

8. L-appellant jilmenta iżda li mill-atti jirriżulta li l-atturi ma kinux igħixu flimkien għaliex:

(i) l-appellat Kevin Brincat għamel perjodi sostanzjali jiskonta sentenzi fil-faċilita` korrettiva ta' Kordin u kuntrarjament għal dak allegat mill-appellata, matul dawk il-perjodi hija qatt ma żaritu;

(ii) meta daħal il-ħabs, l-appellat innifsu nforma lill-awtoritajiet li kien għażeb u ndika bħala viżitaturi tliet persuni li ma kinux l-appellata;

(iii) meta l-appellata marret iġġedded l-*exempt status* fuq il-passaport tagħha, nfurmathom li ma kinitx qed tgħix flimkien ma' żewġha peress li kellhom xi jgħidu u kien għalhekk ukoll li ma żaritux il-ħabs; u

(iv) meta l-Pulizija għamlet s-*surprise visit* tal-20 ta' Mejju, 2005, fir-residenza tal-appellata, din tal-aħħar ma kinitx taf fejn kien żewġha preċiżament u lanqas il-ħin li kellu jirritorna d-dar.

9. L-appellant jikkonkludi li hu ċar li ż-żwieġ bejn l-appellati kien simulat sabiex l-appellata tibqa' tgħix Malta. Isostni għalhekk li, *a tenur* tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217, kien altru milli raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa. Dwar dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn il-Qorti tal-ewwel grad ikkritikat il-fatt illi l-jedd tal-liberta` tal-moviment tal-appellata tneħħa ħafna

wara li ttieħdet id-deċiżjoni relattiva, l-appellant jikkontendi li l-*exempt person status* tal-appelleta ttieħed meta, fis-26 ta' April, 2005, hija marret iġġedded l-*exempt person status* tagħha u fuq mistoqsija li saritilha reġgħat ikkonfermat li ma kinitx żaret lil żewġha fil-ħabs għaliex kellha xi tgħid miegħu. Isostni li f'dik l-okkażjoni l-appellata ngħatat ir-raġunijiet għat-teħid tal-*exempt person status* tagħha.

10. Evidenti li l-appell hu dwar punti ta' fatt u l-appellant jinsisti li mill-provi li kien hemm *".... ma kien hemm l-ebda dubju li Najat Ejjebli u Kevin Brincat ma kinux għadhom igħixu flimkien"*.

11. Is-Supretendent Neville Xuereb, assenjat fis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, xehed[1] illi l-appellata hija ċittadina Marokkina li ngħatat liberta` ta' moviment ġewwa Malta wara ż-żwieġ tagħha mal-appellat fl-1998. Qal li madanakollu, minn verifiki li saru, irriżulta illi bejn il-5 ta' Lulju, 2001, u t-22 ta' Jannar, 2002, l-appellat kien residenti l-ħabs u l-appellata ma marritx tarah. Ikkonferma wkoll li f'Lulju 2002 huwa kien niżżel minuta fil-file[2] li taqra:

> *'Although Brincat was released from CCF some months ago he is not living with this Moroccan lady.'*

12. Dwar l-imsemmija minuta, is-Supretendent Xuereb jgħid <u>biss</u> li:

---

[1] Fol. 123.
[2] Fol. 112 minuta numru 112.

*'Dan jirriżulta mill-fatt li ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom waqt li Kevin Brincat kien detenut fil-ħabs.'*

13. Skont il-minuta sussegwenti fil-file tal-appellata, '*fit-3 ta' Awwissu 2002 ittieħdet deċiżjoni mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza sabiex l-"exempt person status" ta' Najat Ejjebli jiġi kkanċellat'*.[3] Iżda l-ittra mibgħuta lill-appellata fit-8 ta' Awwissu, 2002, kienet biss tirreferi għall-applikazzjoni tagħha għaċ-ċittadinanza u ma tgħid xejn dwar l-*exempt person status*:

*'... that the application for registration as a citizen of Malta which you submitted on the 18 May 1998 has been given careful consideration but it is regretted that it has not been found possible to accede to your request.'*[4]

14. WPC197 Moira Cortis xehdet illi kien biss fis-26 ta' April, 2005, meta l-appellata marret sabiex titrasferixxi t-timbru tal-*exempt person status* mill-passaport il-qadim tagħha għal fuq il-passaport il-ġdid, li hija kkanċellat l-*exempt person status* minn fuq il-passaport tal-appellata. Tgħid li hija għamlet hekk abbażi tal-minuta fuq imsemmija[5] minkejja li f'dik l-okkażjoni l-appellata kienet akkumpanjata minn żewġha[6] u ddikjarat li kienu jgħixu flimkien ġewwa Birkirkara.[7] L-uniku domanda li WPC197 Moira Cortis staqsiet lill-appellata f' dik l-okkażjoni kienet '*why she didn't visit her husband at CCF'* u skontha l-appellata wiġbitha '*that*

[3] Fol. 112 minuta 30.
[4] Fol. 103.
[5] Fol. 116.
[6] Fol. 131.
[7] Fol. 113, 116 u 136.

*at that moment they were not talk to each other.'*[8] In kontro-eżami WPC197 Moira Cortis qalet ukoll li fil-file kien hemm notament li qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni ta' Awwissu tal-2002 kienet saret xi spezzjoni għall-għarrieda fir-residenza tal-appellata iżda hija ma kinitx involuta u fil-file inkiteb biss li f'dik l-okkażjoni l-appellat għamel ġurnata barra.

15. Ikun floku li jissememw il-fatti prinċipali l-iktar rilevanti:

i. L-appellata hi ta' nazzjonalita` Marokkina u fl-20 ta' April, 1998, iżżewġet lill-appellat Kevin Brincat;

ii. Fl-4 ta' Mejju, 1998, l-appellata ngħatat il-jedd ta' liberta` ta' moviment f'Malta;

iii. Bejn 5 ta' Lulju, 2001, u t-22 ta' Jannar, 2002, Brincat kien il-ħabs u skont l-Assitent Kummissarju Neville Xuereb l-appellata ma marritx iżżuru;

iv. Fit-3 ta' Awwissu, 2002, ittieħdet id-deċiżjoni li lil Najat Ejjebli jitneħħilha l-*exempt person status*, proprju għaliex ma kinitx tmur tarah il-ħabs. Intqal li qabel ittieħdet id-deċiżjoni, saret spezzjoni għand l-appellata. Madankollu, ma ngħatawx dettalji;

v. L-appellata rċeviet ittra datata 8 ta' Awwissu, 2002, li fiha kien hemm biss li l-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija kienet miċħuda;

[8] Fol. 113 minuta 35.

vi. Bejn l-4 ta' Novembru, 2004, u t-12 ta' Novembru, 2004, l-appellat reġa' kien il-ħabs;

vii. Kien biss fis-26 ta' April, 2005, li l-appellata ġiet infurmata li tneħħilha l-*exempt person status* u ngħatat visa għal tliet xhur li mbagħad ma ġietx imġedda;

viii. Fis-26 ta' Lulju, 2005, l-atturi ppreżentaw il-kawża;

16. L-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar l-allegata spezzjoni. F'kull każ, *dato ma non concesso* li huwa minnu li l-appellat għamel ġurnata barra d-dar, kuntrarjament għal dak preżunt mill-appellant, dan ma jfissirx neċessarjament li dak iż-żmien l-appellat ma kienx qed jgħix mal-appellata. Lanqas il-fatt waħdu li l-appellata ma kinitx iżżur lil żewġha l-ħabs ma hija prova konklussiva li huma separati *de facto*. L-istess jgħodd għall-fatt li l-appellat iddikjara mal-awtoritajiet tal-ħabs li huwa '*għażeb'* u hemmhekk kienu biss awtorizzati biex iżuruh oħtu Josette Bickle, ommu Emanuela Brincat, u Anthony Bonavia. Ovvjament l-appellata ma kellha l-ebda kontroll fuq dak li seta' ddikjara żewġha dakinhar li ddaħħal il-ħabs, u ma jirriżultax li ġie mistoqsi għalfejn iddikjara hekk. Għalkemm dawk iċ-ċirkostanzi meħuda flimkien setgħu jnisslu suspett li l-partijiet ma kinux jgħixu flimkien, pero` kif qalet l-ewwel Qorti, l-investigazzjoni kellha tmur lil hinn minn hekk.

17. Dan apparti li għalkemm f'minuta ta' Awwissu 2002 jingħad li ttieħdet deċiżjoni li jitneħħa l-*exempt person status lill-appellata*, ma jirriżultax li saru xi tentattivi sabiex l-appellata tkun infurmata b'dik id-deċiżjoni. Imbagħad kien biss fis-26 ta' April, 2005, jew aħjar kważi tliet snin wara d-deċiżjoni li hemm fil-minuta numru 30 tal-file tal-appellata, li l-appellata kienet infurmata mingħajr ma ngħatat spjegazzjoni ta' x'wassal għal dik id-deċiżjoni u mingħajr ma ngħatat l-opportunita` li tagħti l-verżjoni tagħha. Lanqas ma jirriżulta li l-pulizija kienet għamlet xi tfittxija għall-appellata wara d-deċiżjoni li ttieħdet biex jitneħħa l-*exempt person status,* sabiex l-appellata titkeċċa minn Malta.

18. Xuereb xehed illi l-*exempt person status* jingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma miżżewġin u jgħixu mal-*partner*, iżda jkun hemm ċirkostanzi fejn dan l-*istatus* jiġi revokat peress li l-koppja ma tgħix flimkien. Żied li dak l-*istatus* jerġa' jingħata wara li l-koppja tkun irrikonċiljat. Jinftiehem għalhekk illi d-deċiżjoni kif ukoll it-twettiq tad-deċiżjoni dwar l-għotja jew ir-revoka tal-*exempt person status* trid tkun marbuta maċ-ċirkostanizi tal-individwu kkonċernat fiż-żmien pertinenti. Dan ma seħħx fil-każ in eżami.

19. L-appellant jisħaq li appellata ma kinitx iżżur lil żewġha l-ħabs.[9] Skont id-dokument ippreżentat mill-PS 1211 R.J. Zammit l-aħħar darba

[9] Fol. 66 u fol. 113 minuta 35.

meta l-appellat kien il-ħabs kien bejn l-4 ta' Novembru, 2004, u t-12 ta' Novembru, 2004. L-*exempt person status* tal-appellata ġie effettivament ikkanċellat fis-26 ta' April, 2005, meta l-appellati marru flimkien l-uffiċċju tal-immigrazzjoni sabiex jiġi ttimbrat l-*exempt person status* fuq il-passaport il-ġdid tal-appellata u f'dik l-okkażjoni nfurmaw lil WPC 197 Moira Cortis li kienu qegħdin jirrisjedu flimkien fil-fond 42, Triq il-Ferrovija, Birkirkara.[10]

20. Mill-atti mkien ma jirriżulta li saru xi aċċertamenti dwar fejn kien igħix l-appellat matul il-perjodu minn meta ħareġ mill-ħabs u l-għoti tal-*exempt person status* lill-appellata. Lanqas ma jirriżulta li saret *surprise visit* fir-residenza tal-appellata fl-20 ta' Mejju, 2005, kif allegat mill-appellant f'paġna 6 tal-appell tiegħu. Iżda kieku saret dik id-data tiġi wara d-deċiżjoni tal-kanċellament tal-*exempt person status* tal-appellata. Għalhekk, ukoll jekk saret xi spezzjoni għall-għarrieda fl-20 ta' Mejju, 2005, l-eżitu tal-istess ma seta' qatt ikun il-bażi tal-kanċellament tal-*exempt person status* tal-appellata fis-26 ta' April, 2005, u tant inqas ma seta' jwassal għad-deċiżjoni meħuda f'Awwissu 2002.

21. Apparti dan, fil-minuta relattiva tal-file ma jirriżultax li fis-26 ta' April, 2005, l-appellata ngħatat spjegazzjoni verbali dwar ir-raġunijiet għall-kanċellament tal-*exempt person status* tagħha. Hija għalhekk

[10] Fol. 113.

verosimili l-verżjoni tal-appellata li meta talbet raġuni għall-kanċellament tal-*exempt person status* tagħha, WPC197 Moira Cortis weġbitha biss li għax kellha ordni tagħmel hekk[11], li wara kollox hija l-istess spjegazzjoni li tat ix-xhud lill-Qorti. Evidenti wkoll li qabel ittieħdet id-deċiżjoni, l-appellata ma ngħatatx l-opportunita` li tagħti l-verżjoni tagħha. Ma saret l-ebda referenza għal xi dispożizzjoni fil-liġi li teskludi l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali għal dan it-tip ta' każ.

22. L-ewwel Qorti għamlet l-apprezzament tal-fatti u dehrilha li ma kienx hemm biżżejjed provi biex tikkonkludi li l-appellati kienu *de facto* mifrudin. Fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx provi b'saħħithom biżżejjed biex jikkonvinċuha li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[11] Fol. 23.